MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 512/2013

**Roslyn Maria Schembri**

**Vs**

**Waleed El Belaly u Jason Mifsud u martu Stephanie Cachia u b'digriet tat-22 ta' Jannar 2015 inhatru Dr Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno bhala kuraturi ghall-assenti Mifsud u Cachia**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-30 ta' Mejju 2013, l-attrici ppremettiet:

1. Fit-12 ta' Marzu 2005 l-attrici zzewwget lill-konvenut El Belaly.
2. Waqt iz-zwieg zewgha ssellef xi flus minghajr ma kienet taf.
3. L-attrici qatt ma kienet parti fis-self li ha zewgha.
4. L-attrici saret taf bis-self minhabba proceduri fl-ismijiet: Johann Baldacchino Romano nomine vs Waleed El Belaly (1064/12AF).
5. Zewgha qatt ma seta' jorbot il-komunjoni tal-akkwisti jew lill-attrici.

Ghalhekk talbet lill-qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-attrici m'hijiex parti fis-self li ha zewgha minghand il-konvenuti Mifsud u Cachia Camilleri.
2. Tiddikjara li l-konvenut El Belaly wahdu ma setax jorbot lill-attrici u l-komunjoni tal-akkwisti li hemm bejn il-konjugi Schembri u El Belaly.
3. Tordna li l-attrici tigi liberata minn kull hlas ta' pagament jekk hu dovut.
4. Tiddikjara li s-self li seta' ha zewgha, inkluz dawk indikati fil-proceduri bin-nuru 1064/12 hu null u minghajr effett in kwantu jirrigwardaw l-attrici.

Il-konvenut El Belaly ammetta t-talbiet tal-attrici (fol. 30).

Il-konvenuti l-ohra kienu rapprezentati minn kuraturi li pprezentaw twegiba li m'humiex edotti mill-fatti. Min-naha taghhom ma tressqux provi.

**Kwistjoni**.

Din il-kawza titratta dwar self li l-konvenut El Belaly ha minghand il-konvenuti l-ohra. L-attrici u l-konvenut El Belaly huma mizzewwgin[1]. L-attrici pproponiet din il-kawza sabiex jigi

[1] Il-kontendenti zzewwgu fit-12 ta' Mejju 2006 (fol. 13).

ddikjarat li hi ma kenitx parti fis-self li ha zewgha u ghalhekk m’hijiex responsabbli ghas-self u lanqas mhu dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenuti Mifsud u Cachia pproponew kawza kontra l-konvenut El Belaly u l-attrici (**Johann Baldacchino Romano nomine vs Waleed El Belaly et**, 1064/2012) fejn talbu li Waleed El Belaly u martu Roslyn Maria Schembri jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ €94,152.88, flus li qalu li sellfu lill-konvenuti (ara kopja tar-rikors guramentat a fol. 14). Jirrizulta li waqt is-seduta tal-15 ta’ Jannar 2015, il-kawza giet differita *sine die*.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. Mar-rikors guramentat 1064/2012 gew annessi tlett dikjarazzjonijiet ntestati Loan Statement (fol. 26-28). Dawn huma ffirmati mill-konvenut El Belaly fejn jiddikjara li rcieva ammonti ta’ flus minghand il-konvenut Mifsud. Id-dikjarazzjonijiet m’humiex iffirmati mill-attrici u lanqas m’huma datati. Fl-ewwel dikjarazzjoni (fol. 26) tissemma s-somma ta’ €8,000 li kellha tithallas sal-20 ta’ April 2008, fit-tieni €30,000 li kellha tithallas sal-31 ta’ Lulju 2008 u fit-tielet €80,000 li kellha tithallas sal-1 ta’ Jannar 2009.

2. Waqt is-seduta tal-10 ta’ Jannar 2014 (fol. 29) l-attrici ddikjarat hekk:-

   *L-attrici kkonfermat li zewgha ghadu jghix maghha. Spjegat li qabel iz-zwieg ma sar l-ebda kuntratt li bih giet eskluza l-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll skond ma qalilha zewgha is-self li hemm referenza ghalih fir-rikors, jirrigwarda negozju relatat ma health and safety li hi ma ghandha x'taqsam xejn fih. Saret taf l-ewwel darba bis-self li ha zewgha wara li rceviet avviz minghand il-bank li kien inhareg sekwestru kontra taghha. Kien f'dak l-istadju li zewgha spjegalha x'kien ghamel. Id-dokumenti li hemm fil-kawza 1064/2012 rathom meta giet notifikata b'dik il-kawza. Ikkonfermat ukoll li tahdem bhala communications officer mal-MRA u li bhalissa zewgha jinsab imsiefer il-Libya fuq xoghol*.

   L-attrici xehedet fis-seduta tad-9 ta’ April 2014 (fol. 34) minn fejn bazikament jirrizulta li l-attrici ma kenitx involuta fis-self li ha zewgha. Verzjoni li qatt ma giet kontradetta.

3. Skond l-Artikolu 1322(f) tal-Kodici Civili, is-self ta’ flus hu att ta’ natura straordinarja. Ghalhekk hemm bzonn il-kunsens taz-zewg konjugi sabiex isir. Jidher li l-konvenut El Belaly ssellef il-flus minghand il-konvenuti l-ohra in konnessjoni ma’ xi negozju li kien qieghed jaghmel barra minn Malta. Pero’ m’hemmx prova cara x’kien dan in-negozju.

4. L-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili jistipula liema huma d-djun li jbatu l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti. Is-self li nghata El Belaly m'huwiex dejn li jaqa' taht dan il-provvediment. Inoltre, m'hemmx prova li l-attrici ghamlet xi att li bih irratifikat dak li ghamel zewgha. Fic-cirkostanzi s-self li nghata l-konvenut El Belaly hu dejn tieghu u f'dan ir-rigward japplika l-Artikolu 1329 tal-Kodici Civili. Ladarba s-self hu dejn partikolari ta' Waleed El Belaly, l-attrici m'ghandhiex jedd li titlob dikjarazzjoni ta' nullita' tas-self li ha zewgha. Ghaliha dak is-self hu *res inter alios acta*. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Maria Stella Farrugia vs HSBC Bank Malta plc et** (1 ta' Frar 2008) fejn inghad:

*"In partikolari, issir referenza ghas- sentenza li tat din il-Qorti fil-kawza **Demarco v. Demarco et**, fejn giet konfermata s-sentenza ta' prim istanza fis- sens li meta att ta' amministrazzjoni straordinarja jsir minn parti wahda fiz-zwieg, il-konsegwenza mhux in-nullita` in toto ta' l-att, izda biss illi ma jorbotx lill-komunjoni ta' l- akkwisti. Il-posizzjoni hi li meta persuna mizzewga taht ir- regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti tissottoskrivi dokument ta' fidejussjoni, minghajr il-kunsens tal-konsorti fiz-zwieg, dik il-persuna li tkun dahlet ghal dik l-obbligazzjoni tibqa' marbuta bih, filwaqt li l-konsorti ma tkunx. Kif kienet qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, wara konfermata minn din il-Qorti,*

*"ir-ragel u l-mara mhux eskluzi milli jidhlu f'negozju u jintrabtu personalment, ghax huma zammew il- personalita` guridika taghhom indipendenti minn dik il- komunjoni. Kwindi ma jistax jigi eskluz li kull konsorti li agixxa f'ismu jkun qed jorbot biss lilu nnifsu. Infatti, l- Artikolu 1328 jiddistingwi bejn djun parafernali u dawk tal-komunjoni u jghid li ceteris paribus il-kredituri ta' l-ahhar jigu qabel dawk ta' l-ewwel, imma djun parafernali, mahluqa mill-konsorti li jagixxi wahdu, jistghu jinholqu anke wara z-zwieg (ara Artikolu 1329) u huma validi.*

5. Ghal dak li jirrigwarda t-talba, l-attrici qeghda tfittex ukoll dikjarazzjoni generali li hu null u bla effett, fil-konfront taghha, kull self li ghamel zewgha. Talba li:-

   i. Ser tintlaqa' fis-sens li ser jigi ddikjarat li s-self li ha zewgha minghand il-konvenuti l-ohra, hu *res inter alios acta* ghaliha u ghalhekk m'ghandha l-ebda obbligu fil-konfront tal-konvenuti;
   ii. Ser tigi michuda fir-rigward ta' self iehor li seta' ha zewgha peress li ma tressqux provi li hemm xi self iehor u f'kull kaz it-terz m'huwiex parti f'din il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li l-attrici ma kenitx parti ghas-self li ha zewgha Waleed El Belaly minghand il-konvenuti l-ohra.**
2. **Tiddikjara li gialadarba ma kienx hemm il-kunsens tal-attrici sabiex Waleed El Belaly jissellef il-flus minghand il-konvenuti u ma rrizultax li d-dejn hu wiehed minn dawk li jissemma fl-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili, il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jaghmlux tajjeb ghad-dejn li zewgha jista' ghandu fil-konfront tal-konvenuti l-ohra. Dan pero' bla pregudizzju ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 1329 tal-Kodici Civili.**
3. **Tiddikjara li l-attrici m'hijiex kreditrici tal-konvenuti Mifsud u Cachia Camilleri.**
4. **Tiddikjara li s-self li ha Waleed El Belaly m'ghandu l-ebda effett fil-konfront tal-attrici, ghalkemm jorbot lilu personalment. Tichad ir-raba' talba fir-rigward ta' kwalsiasi self iehor li seta' ha l-konvenut El Belaly minghand terzi li m'humiex parti ghal din il-kawza.**

**Dwar l-ispejjez m'hemmx x'jinghad peress li l-attrici kellha s-servizz ta' avukat tal-ghajnuna legali, b'dan li l-konvenuti assenti ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-dritt tal-kuraturi**.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------